MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru. 872/2003

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Carmel Farrugia, iben Carmel, imwieled Valletta fit-13 ta' Lulju, 1949
u
Francis Gauci, iben Carmel, imwieled San Pawl il-Baħar fl-1 ta' Awwissu, 1958

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli f'dawn il-Gżejjer, f'diversi nħawi fis-16 ta' Frar, 2000 u fil-ġimgħat ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. xjentement għamlu użu ta’ ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati, jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;
2. għamlu użu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella, jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija u cioe’ sigaretti tal-marka ‘Marlboro’, b’din il-marka, sinjal jew emblema;
3. xjentement qiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħu jew żammu għandhom għall-bejgħ jew importaw għall-ħsieb ta’ kummerċ, merkanżija b’marka, sinjal jew emblemi mxebbħin b’qerq u cioe’ sigaretti tal-marka ‘Marlboro’.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta’ Awwissu, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 18, 298(1) u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 18, 298(1)(ċ) u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 18, 298(1)(f) u 310 tal-Kodiċi Kriminali; u
d. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Settembru, 2006 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda taż-żewġ imputati bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi fl-20 ta’ Jannar, 2000 il-pulizija rċeviet rapport, permezz ta’ avukati maltin, mingħand is-soċjeta’ amerikana Philip Morris Products Inc. ta’ New York li jimmanifatturaw is-sigaretti tal-marka Marlboro. Huma kellhom suspett li container li wasal Malta fid-19 ta’ Diċembru, 1999 abbord l-M.V. Free Spirit kien fih sigaretti kontrfatti. In-numru ta’

dan il-container kien ECMU 902725/2. il-pulizija ġiet infurmata li fuq dan il-container kienu ġew istituti proċeduri ċivili.

Illi fuq dan ir-rapport il-pulizija nfurmaw lil Carm Portelli, Head of Investigatiions tad-Dwana, li kkonferma s-sekwestru ta’ dan il-container. Mhux hekk biss, iżda s-Sur Portelli nforma lill-pulizija li kienu qed jissusspettaw li kien hemm żewġ containers oħra li kienu qed iġorru sigaretti allegatament kontrafatti. Dawn kienu jinsabu l-Freeport u kellhom ‘identification numbers’ PRSU 960102/2 u CGMU 440426/1. Dawn iż-żewġ containers kienu waslu Malta fuq il-vapur M.V. Vanessa, fl-20 ta’ Diċembru, 1999. Il-forwarding agent ta’ dawn iż-żewġ containers kien KAA Forwarding Ltd.

Illi fuq l-iskorta ta’ din l-informazzjoni kollha nfetħet inkjesta bil-maġistrat.

Illi s-sigaretti tal-container ECMU 902725/2 ġew ispezzjonati fl-imħażen ta’ Pinto Bonded Stores mill-esperti maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti.

Illi sussegwentement, il-pulizija, flimkien mal-esperti maħtur fl-inkjesta, marru l-Freeport, ġew lokalizzati ż-żewġ containers hawn fuq imsemmija u infetħu fil-prezenza tal-uffiċjali tad-dwana u anke fil-prezenza tal-forwarding agent hawn fuq imsemmi. Dawn iż-żewġ containers instabu li kien fihom is-sigaretti wkoll. Il-pulizija kellmu lil Keith Attard ta’ KAA Forwarding Ltd. li nforma lill-pulizija li kien l-imputat Francis Gauci li kien inkarigah biex jibda jipproċessa d-dokumenti biex dawn iż-żewġ containers ikunu jistgħu jiġu sdoganati iżda ftit wara kien talbu biex jikkanċella dan il-proċess.

Illi l-esperti mqabbda mill-Maġistrat Inkwirenti waslu għall-konkluzjoni li s-sigaretti misjuba fit-tlett containers kienu kollha kontrafatti. Dan ġie stabilit minnhom minn analiżi ta’ kampjuni ta’ sigaretti u ir-relazzjoni tagħhom hi parti ntegrali ta’ din is-sentenza.

Illi in vista tal-fatt li dawn is-sigaretti huma kontrafatti għandha tiġi analizzata l-pozizzjoni ta' kull wieħed miż-żewġ imputati.

Illi fil-kors ta' l-investigazzjoni l-pulizija kellmu lill-imputat Carmel Farrugia. Hu kkonferma li s-sigaretti li kienu fil-Pinto Bonded Stores kienu proprjeta' tas-socjeta' Ta' Pinto Duty Free Limited, li tagħha hu kien direttur. Hu nnega li kien jaf li dawn is-sigaretti kienu kontrafatti u qal li kienu ġew impurtati regolarment. Hu spjega, kif ukoll xehed kemm fl-inkjesta kif ukoll fil-mori ta' din il-kawża, illi fi żmien partikolari s-sigaretti tal-marka Marlboro, magħrufa bħala "5", kien ġew nieqsa fis-suq. Is-suq li tkellem fuqu dak iż-żmien kien is-suq tad-'Duty Free' b'referenza partikolari għas-suq tal-passiġġieri libjani li kienu jmorru lura lejn pajjiżhom bil-vapur. Is-soltu dawn il-ħwienet 'duty free' kienu jixtru dawn is-sigaretti mingħand l-agent iżda l-provvista ma kinitx kontinwa u regolari.

Illi dan in-negozju kienu jmexxuh iż-żewġt irġiel tat-tfal tiegħu. Wieħed kien jieħu ħsieb il-karti tan-negozju, l-ieħor kien ibiegħ. L-imputat Carmel Farrugia, għalkemm l-uniku direttur tal-kumpanija, ma kienx jieħu parti attiva fin-negozju. Kienu jikkonsultaw iżda d-deċizjonijiet li kellhom x'jaqsmu man-negozju kienu f'idejn Baldassare Seychell u Chris Arpa, l-irġiel tat-tfal ta' Carmel Farrugia. Carmel Farrugia xehed li darba minnhom hu rċieva telefonata fejn l-interlokutur fuq in-naħa l-oħra tal-linja qallu jekk kienx interessat fis-sigaretti. Farrugia, li ma kienx jieħu parti attiva fin-negozju, irreferih għal Chris Arpa.

Illi mix-xhieda ta' Chris Arpa rrizulta li fil-fatt din il-persuna, li jisimha Zoran, ċemplitlu u reġa tenna l-offerta. Zoran infurmah li jekk kien interessat setgħa jiġbor id-dokumenti mingħand Caruana Shipping. Fil-fatt, it-tlett irġiel ħadu deċizjoni li jippruvaw dan in-negozju. Fil-fatt, ġabru d-dokumenti, tellgħu l-container il-Barriera Bonded Stores u wara li ġie spezzjonat il-kontenut aċċettaw ix-xogħol. Għalhekk, Chris Arpa mar il-bank u effettwa l-pagament. Mid-dokumentazzjoni eżebita rrizulta li huma kienu xtraw dan il-container sigaretti mingħand is-soċjeta' Prima Trading Ventures Ltd. ta' Tortola, British Virgin Islands. Il-

pagament ġie effettwat mill-HSBC Customs Branch lill-UBS ta’ Zug, Svizzera. Dan il-metodu ta’ xogħol ġie użat fix-xiri ta’ żewġ containers sigaretti. Id-dokumentazzjoni kollha ġie mogħtija lill-pulizija u tifforma parti ntegerali tal-provi prodotti fil-mori ta’ din il-kawża. Is-sigaretti ma ġewx kollha mizmuma mis-soċjeta’ ta’ l-imputat iżda mibjugħa u imqassma ma kumpaniji oħra li joperaw fil-kamp tad-‘duty free’. Id-dokumentazzjoni ta’ dawn iż-żewġ containers tinsab fl-atti ta’ din il-kawża – Dokumenti 17 u 18 (fol. 286 et seq.).

Illi saret l-istess operazzjoni fir-rigward tat-tielet container. Ix-xogħol ġie mibjugħ lill-terżi u l-pagament effettwat. Dan hu l-container li ġie mizmum mis-soċjeta’ amerikan. Illi fil-frattemp, mill-Freeport itella’ r-raba’ container iżda waqt li kien qed isir ix-xogħol fuqu, it-tielet container ġie sekwwestrat. Għalhekk, ma sar xejn fuq ir-raba’ container għaliex Carmel Farrugia ġie nfurmat li kien sekwestru fuq it-tielet wieħed. Għandu jingħad li dan it-tielet container kien ġie mħallas u il-flus trasferiti. Kif raw dak li ġara Chris Arpa ċempel Koper, Slovenja iżda ma seta’ jkellem lil ħadd. Dan in-numru tat-telefon ġie mogħti lill-pulizija u jifforma parti ta’ l-atti ta’ din il-kawża (fol 282).
Illi l-kontenut tat-tielet container kien ġie mibjugħ iżda ma kienx għadu ġie konsenjat lid-diversi xerrejja tal-ħwienet ‘duty free’.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament pruvat lil-imputat ikkolabora mal-ewwel mal-pulizija. Il-prezz ta’ kull container, kien wieħed li hu tas-suq u ma ħa ebda skont. Jirrizulta wkoll li ħadd ma qajjem xi lment ma Carmel Farrugia li seta’ nebħu li dan ix-xogħol kien wieħed kontrafatt. Jidher ċar li Carmel Farrugia wettaq dan in-negozju bla ħażen. Hu spezzjona x-xogħol anki fil-prezenza ta’ terżi, ħallsu tramite l-bank u meta l-pulizija bagħtu għalih hu immedjatament ipprezenta d-dokumentazzjoni kollha tal-każ.

Illi l-pulizija ġew infurmati li ż-żewġ containers li kienu l-Freeport kienu ser jiġu sdoganati mill-imputat Francis Gauci u għalhekk bagħtu għailh. Francis Gauci nforma lill-pulizija li kien id-direttur tal-Price Club Ltd. Hu stqarr,

kif ukoll ikkonferma fix-xhieda tiegħu u fl-inkjesta, li hu kien fin-negozju tas-supermarkets. Ċertu Samih El Sadi kien jaħdem miegħu iżda wara li kellhu xi jgħid ma oħt l-imputat hu telaq għal rasu. Hu fetaħ supermarket bl-isem RC Supermarket f'San Gwann u l-imputat kien igħinu billi jissuplixxih bil-merkanżija. Minħabba kif sviluppa n-negozju El Sadi spiċċa li għalaq dan il-ħanut bil-konsegwenza li kellhu dejn kemm ma Francis Gauci, kif ukoll ma fornituri oħra.

Illi minħabba dan il-fatt El Sadi ppropona lil Francis Gauci li jibda jimporta s-sigaretti mid-Dubai. Qallu wkoll li Francis Gauci kellhu jiffinanzja din l-operazzjoni. Fil-fatt din l-operazzjoni bidet u fil-bidu kienet miexja sew. Darba minnhom Francis Gauci ried ikellem lil El Sadi iżda ma setgħax jaqbdu u it-telefon ċellulari deher li kellu s-servizz sospiż. Kien jaf li hu jaħdem ma Keith Attard tal-KAA Forwarding Ltd. u dan ta' l-aħħar qallu li El Sami kien mar id-Dubai għaliex kellu xi problema li ma kienx jaf x'inhu. Attard qal lil Francis Gauci li kien hemm żewġ containers il-Freeport. Għalhekk, Attard ġie inkarigat minn Francis Gauci u konsegwenza ta' dan sar jaf li container minnhom kien ser jiġi mibgħut l-Islovenia u l-ieħor kien qed jiġi mixtri minn Carmel Farrugia (dan hu ir-raba' container hawn fuq imsemmi li ma sar xejn minnu).

Illi Francis Gauci nforma l-pulizija li hu kien sempliċement il-finanzjatur ta' din l-operazzjoni li kienet immexxija għal kollox minn El Sadi. Kosegwenza tal-għibien ta' El Sadi, Francis Gauci tilef is-somma ta' aktar minn nofs miljun dollaru amerikan. Dan ġie pruvat mid-dokumenti eżebiti fil-mori ta' din il-kawża.

Illi fil-mori ta' din il-kawża u l-inkjesta relativa, Francis Gauci mar Dubai u skont hu sab lil El Sadi li qal li kien ġie defrawdat u ma seta' jagħmel xejn.

Illi jirrizulta li qabel El Sadi ħarab minn Malta kien importa f'Malta tlett containers li ġew imħallsa minn Francis Gauci, kif jirrizulta mid-dokumenti bankarji eżebiti. Il-prezz tal-container kien dak tas-suq u s-sigaretti kienu jiġu distribwiti lill-ħwienet 'duty free' li jissuplixxu s-suq libjan.

Illi l-imputat Francis Gauci għamel dan in-negozju ‘in buona fede’, ikkolabora mal-pulizija, wera u ikkonsenja d-dokumentazzjoni bankarja fl-intier tagħha u jidher ċar li tilef ammont sostanzjali ta’ flus.

Għaldaqstant, wara li rat li l-imputati xejnu l-presunzjoni tal-liġi kontra tagħhom skond l-artikoli 299 u 302 tal-Kodiċi Kriminali. Ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi. Fiċ-ċirkostanżi mhemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tas-sigaretti kontrafatti eżebiti fl-atti ta’ din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------